*Leħen is-Soċjetà Mużikali*
# San Lawrenz
*Belt Vittoriosa A.D. 1883*




**#ilbandatalbirgu**

**Ħarġa Nru. 134** **MARZU - APRIL 2023**

**Welcome to BeBirgu!**

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com




Olde City Pub

Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

**Fava Woodworks Co. Ltd.**

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Ħamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

**Unlimited Designs...**
**...Within Your Budget**

**Traditional, Classic & Modern Frames**

- Swept Frames
- Customised Mirrors
- Prints
- Paintings
- Photos
- Posters
- Canvas / Stretching
- Mount Cutting
- Certificates & Diplomas
- Local & Foreign Artists
- Museum Glass

- Contract Works Undertaken
- Professional & Efficient Service Guaranteed
- Interior Designers Are Welcome



Specialising in Made-To-Measure Framing

**Opening Hours:**
Monday To Friday From 7:00am Till 2:00pm
Saturdays By Appointment

Find us on: facebook
www.gemelliframing.com

GEMELLI
FRAMING

With Over 30
Years Experience

Contact Ray Or Marianne
On 21 412 124
Or 99 495 263
Email: tamananni@gmail.com
T/G Fi Triq Il-Parsott, Mosta

# Il-Kelma tal-President

***Bjorn Callus***



Kważi dan l-ewwel kwart tas-sena għadda f'leħħa ta' berqa, u meta nħares lura lejn dan il-perjodu verament nifhem għaliex. Il-ħidma ġewwa s-Soċjetà tagħna kienet ma taqta' xejn, b'attività kontinwa fuq kull naħa. Kellna kompetizzjoni tas-Snooker, xogħol fuq proġetti u manutenzjoni, attivitajiet soċjali, programm mill-aqwa biex ikkommemorajna l-100 Sena minn meta ndaqq għall-ewwel darba b'mod uffiċjali l-Innu Malti mis-Soċjetà Mandolinistika Melita u fuq kollox preparamenti bla heda fuq inizjattivi u proġetti ġodda.

Imma qabel nelenka dak li ġej, xtaqt li niddedika ftit ħin fuq il-programm ta' nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar li sar fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta. B'eżekuzzjoni bandistika mill-aqwa taħt id-direzzjoni tas-Surmast Jonathan Abela, u quddiem udjenza numeruża, dan kien programm mużikali tal-ogħla livell fejn komplejna ngħollu l-isem tal-banda fuq bażi nazzjonali. Nħarsu 'l quddiem għal iżjed programmi ta' dan il-livell.

Fl-istess żmien, inżammu l-laqgħat ġenerali annwali tas-Soċjetà fejn din is-sena kien imiss ukoll elezzjoni tal-kumitat. Fil-waqt li ninsab kuntent li għandna kumitat pjuttost żagħżugħ u dinamiku, xorta waħda tibqa' miftuħa l-istedina sabiex dawk li jridu jissieħbu fil-kumitat tal-banda tagħna jersqu lejna. Fl-istess ħin, ma nistax ma nirrimarkax b'ċertu diżappunt kif huma ftit dawk il-membri li jattendu għal dawn il-laqgħat. Nixtieq li l-attendenza tiżdied, u nheġġeġ biex iktar membri jattendu fis-snin li ġejjin.

Dawn il-laqgħat fissru wkoll it-tmiem tas-Sur Eugenio Pellicano bħala membru tal-kumitat. Eugenio ta servizz twil lis-Soċjetà tagħna f'diversi karigi, u fuq kollox il-lealtà tiegħu lejn il-banda tagħna qatt ma kienet mittiefsa. Eugenio ħaqqu kull ringrazzjament minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Banda Vittoriosana San Lawrenz, għax ix-xogħol tiegħu kien wieħed kbir. Minkejja li ddeċieda li jirtira mill-kumitat, xorta waħdu hu wieħed mill-membri attivi u ta' dan nibqa' nirringrazzjah mill-qalb. F'isem sħabi l-membri tal-kumitat, awguri għal futur ħabib għażiż!

Fl-istess waqt, komplejna nħarsu 'l quddiem hekk kif apparti l-preparamenti għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid, fejn nassigurakom li l-Banda Vittoriosana San Lawrenz ser tkun armata b'mod mill-aqwa sabiex tonora dawn is-servizzi ferm għal qalbna, għaddejja ħidma kbira fuq 3 binarji. Permezz ta' fondi mill-proġett it-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda, iffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ, qed nintroduċu għall-allievi u l-bandisti tagħna il-lezzjonijiet tat-teorija mużikali biex b'hekk issa ser tkun qed jiżdied il-5 pilastru fit-tagħlim. Pass ieħor importanti ħafna fl-iskola tal-mużika tagħna.

Barra minn hekk, kif anke semmejt fil-qosor fil-ħarġa li għaddiet, permezz ta' proġett ffinanzjat mill-VOPS, li hu mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ser tkun qed tagħmel żewġ recordings f'dan il-perjodu, wieħed bandistiku u wieħed orkestrali, ta' innijiet u antifoni Lawrenzjani. Proġett kbir li għandu l-għan li jkompli jkabbar il-Kult Lawrenzjan filwaqt li ngħożżu l-patrimonju mużikali li għandna fil-Belt Vittoriosa ddedikat lil San Lawrenz.

Imma bla dubju ta' xejn, l-ikbar attività li jmiss hi s-safra li l-Banda għandha fl-aħħar ġranet t'April ġewwa Ruma. Flimkien mal-grupp tal-Knisja, il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ser tkun preżenti f'Ruma fejn il-kontiġent totali ser ilaħħaq madwar 120 ruħ. Safra li kienet fully booked fi ftit jiem. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ser tkun qed ddoqq ġewwa Amaseno flimkien mal-banda tal-lokal kif ukoll fil-Bażilika ta' San Lorenzo Fuori Le Mura bħala parti mill-ġurnata Internazzjonali ddedikata lil San Lawrenz fost l-oħrajn. Il-preparamenti amministrattivi u loġistiċi jinsabu fl-aqwa tagħhom, u ninsabu kollha eċitati biex għal darb'oħra nkunu r-rappreżentanti uniċi tal-Belt Vittoriosa lil hinn mill-konfini nazzjonali.

Din l-edizzjoni ta' Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz ser tkun l-aħħar ħarġa li toħroġ kull xahrejn għal total ta' 6 edizzjonijiet annwali. Kellna nieħdu din id-deċiżjoni, kontra qalbna, minħabba l-fatt li l-ispejjeż dejjem jogħlew u b'dispjaċir ngħid li m'għadux vijabbli li tibqa' tiġi pubblikata b'din l-istess frekwenza. Madanakollu, xorta waħda ser nkunu qed noħorġu din in-Newsletter 3 darbiet fis-sena, bejn wieħed u ieħor kull 4 xhur, fil-waqt li qed naħdmu sabiex xorta waħda nżommu l-kuntatt mal-membri b'mod frekwenti fuq il-pjattaforma diġitali, mingħajr ma ninsew is-sit kif ukoll il-paġna ta; Facebook. Minn qalbi nawguralkom l-Għid it-Tajjeb. Tislijiet.

## Werrej

Il-Kelma tal-President ....................p.3
Ġesù Msallab u Patri Piju tal-Pjagi.p.5
Il-Kurċifiss tal-Forka fil-Pjazza tal-Belt Valletta...............................p.6
100 Sena tal-Innu Nazzjonali Malti.p.8
Tagħrif mill-Kċina........................p.10
Gustav Mahler...............................p.11
Wiċċ imb wiċċ ma' Fabio D'Ortona.............................p.13

***Editur***
Adrian Vella

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

**Proof Reading**
Adrian Vella

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb
Pierre Balzia

**Ritratt Faċċata**



*Dehra mill-isbaħ tal-Vara tad-Duluri quddiem Palzzo Huesca f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira*

**Stampat**

BONNICI'S PRESS Est. 1924

36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com

MIRACLE FOODS

# MAKE IT A SIZZLING SUMMER



# Ġesù Msallab u Patri Piju tal-Pjagi



*Minn Patri Martin Mamo OFMCap.*
*DIRETTUR NAZZJONALI TAL-GRUPPI TA' PATRI PIJU TA' PIETRELCINA*

Bdejna ż-żmien qaddis tar-Randan. F'dan iż-żmien, aktar mis-soltu, nitfgħu il-ħarsa tagħna fuq Ġesù Kurċifiss. Qalbna tingħafas meta narawh f'dik is-sura hekk tal-biki. Imma llum ukoll Ġesù għadu jiġi msallab f'tant u tant persuni oħra li qegħdin jiġu maħqura b'kull mod.

Il-profeta Isaija għandu diversi siltiet fil-kitba tiegħu li f'dan iż-żmien nissuġġerielkom li ssibu ċ-ċans li tiftħu l-Bibbja u fis-skiet timmeditaw dawn is-siltiet bħal:

**"Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna….Bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna…" Is 53: 3-5**

Illum f'dan l-artiklu qiegħed nippreżentalkom qaddis kapuċċin li ħarstu kienet il-ħin kollu fuq il-Kurċifiss. Tant kien iħobb u jitlob lill-Kurċifiss li darba minnhom tah il-pjagi bħalma kellu wkoll Missierna San Franġisk t'Assisi. Lid-direttur spiritwali tiegħu li kien jismu Padre Agostino, darba minnhom Patri Piju kitiblu r-rakkont kif kien seħħ dakinhar:

**"…Kien filgħodu tal-20 tax-xahar (Settembru 1918) li għadda. Kont qiegħed fil-Kor wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, meta ħassejtni qisni meħud għal għarrieda minn nagħsa ħelwa. Is-sensi kollha, interni u esterni, flimkien mal-fakultajiet tar-ruħ, sabu ruħhom f'ħemda li ma titfissirx. Matul dan kollu, kien hemm skiet perfett madwari. F'daqqa waħda ħassejt fija paċi u telqa sħiħa… Dan kollu ġara f'teptipa t'għajn jew f'leħħa ta' berqa u waqt li kien qed isir dan kollu, rajt quddiemi Personaġġ Misterjuż… Il-ħarsa tiegħu werwritni. Dak li ħassejt f'dak il-ħin ma nistax ngħidlek. Ħassejtni qed immut għax ħassejt qalbi trid toħroġ minn sidri. Id-dehra tal-Personaġġ għebet… u jien sibt ruħi l-kustat imniffda u bid-demm ħiereġ minnhom. Tista' timmaġina l-uġigħ li ħassejt dak il-ħin u li għadni nħoss kontinwament kważi kuljum. Il-ferita tal-qalb tnixxi demm bla waqfien, l-aktar mill-Ħamis filgħaxija sas-Sibt. " 2.10.1918**

Hekk kiteb f'ittra Patri Piju lid-direttur spiritwali tiegħu li obbligah jagħmel dan. Dakinhar, fil-jum tal-Ġimgħa, Patri Piju kien waħdu fil-kunvent għax il-patrijiet l-oħra kellhom xi qadjiet. Waqt li kien qiegħed għarkupptejh quddiem il-Kurċifiss, jingħad li Ġesù Msallab (il-Personaġġ Misterjuż) ħa l-ħajja u minnu ħarġu ħames vleġeġ li ppenetraw il-ġisem tiegħu. Patri Piju bilkemm kellu s-saħħa jqum mill-art u jasal saċ-ċella biex ikun jista' jbiddel ħwejġu u jnaddafhom mid-demm biex ma jindunawx b'dak li kien ġralu. Din id-darba l-Mulej ma neħħilux is-sinjali. Jingħad li Patri Piju baqa' b'dawk il-pjagi sal-aħħar jum ta' ħajtu li seħħ nhar it-23 ta' Settembru 1968

Inħeġġiġkom biex f'dan iż-żmien tar-Randan, titolbu li Kurċifiss u trawmu f'qalbkom dik id-devozzjoni vera bħal dik ta' Patri Piju. Biex ngħinkom tagħmlu dan, qed nippreżentalkom talba li kien jitlob San Piju tal-Pjagi, l-Kapuċċin Qaddis.

**It-talba hija din;**

"Oqgħod miegħi, Mulej, għax jeħtieġ li tkun hawn miegħi biex ma ninsiekx. Inti taf li xejn ma rrid biex nitilqek. Oqgħod miegħi, Mulej, għax jien dgħajjef u neħtieġ is-saħħa tiegħek, biex ma naqax daqshekk sikwit. Oqgħod miegħi, Mulej, għax Int il-ħajja tiegħi, u mingħajrek inkun bla ħeġġa.

Oqgħod miegħi, Mulej, għax Int id-dawl tiegħi, u mingħajrek inkun fid-dlam. Oqgħod miegħi, Mulej, biex turini r-rieda tiegħek. Oqgħod miegħi, Mulej, biex nisma' leħnek u nimxi warajk. Oqgħod miegħi, Mulej, għax nixtieq inħobbok ħafna u nkun dejjem maġenbek. Oqgħod miegħi, Mulej, jekk tridni nkun ta' dmiri miegħek. Oqgħod miegħi, Mulej, għax għalkemm ruħi fqira kif inhi, nixtieqha tkun imkien ta' faraġ għalik, u bejta ta' mħabba. Oqgħod miegħi, Ġesù, għax qed isir il-ħin u l-jum dalwaqt jispiċċa, u l-ħajja tgħaddi; u l-mewt, il-ħaqq u l-ħajja ta' dejjem qed joqorbu. Jeħtieġ li nġedded is-saħħa tiegħi biex ma nieqafx f'nofs ta' triq, u għalhekk, lilek neħtieġek. Qed isir il-ħin u l-mewt riesqa. Nibża' mid-dlam, mit-tiġrib, min-nixfa, mis-salib, u min-niket. Kemm neħtieġek, Ġesù tiegħi, f'dan il-lejl tal-eżilju! Oqgħod miegħi, illejla, Ġesù; fil-ħajja, bil-perikli tagħha kollha, tassew neħtieġek.



Ħallini nagħrfek bħalma għarfuk id-dixxipli tiegħek int u taqsam il-ħobż, biex din it-Tqarbina tkun id-dawl li jkeċċi d-dlam, il-qawwa li żżommni, u l-hena waħdiena ta' qalbi. Oqgħod miegħi, Mulej, għax fis-siegħa ta' mewti rrid nibqa' magħqud miegħek, jekk mhux bi Tqarbina, għall-anqas bil-grazzja u bl-imħabba. Oqgħod miegħi, Ġesù; ma nitlobx faraġ mingħandek, għax ma jistħoqqlix, iżda nitolbok li tkun miegħi; iva dan nitolbok. Oqgħod miegħi, Mulej, għax lilek biss infittex, infittex l-imħabba tiegħek, il-grazzja tiegħek, ir-rieda tiegħek, qalbek, l-Ispirtu Qaddis tiegħek, għax jien inħobbok, u ma nitolbokx ħlas ieħor ħlief li nħobbok dejjem iktar. B'imħabba qawwija nħobbok b'qalbi kollha sakemm indum fuq l-art, u nibqa' nħobbok b'imħabba sħiħa għal dejjem ta' dejjem. Ammen."

# Il-Kurċifiss tal-Forka fil-Pjazza tal-Belt Valletta

*Kitba ta' George Agius*

Fost l-għadd ta' xbihat qaddisa li nsibu fit-toroq u l-pjazez tal-Belt Vittoriosa, hemm dik tal-kurċifiss tal-forka li qiegħed f'niċċa żgħira fil-Pjazza. Il-kurċifiss, kif ukoll is-salib, it-tabella tal-INRI u ras ta' mewt huma skolpiti fil-ġebla u miżbugħa bil-kulur (polikromatiċi). Ir-raġuni wara l-fatt li dan il-kurċifiss baqa' magħruf bħala tal-forka hija għaliex kif jingħad mijiet ta' snin ilu fil-viċinanzi tiegħu kienu jsiru l-eżekuzzjonijiet kapitali. Għaldaqstant barra mill-aspett devozzjonali, dan il-kurċifiss jifforma parti mill-patrimonju storiku li tipposjedi din il-belt bi storja kbira u tifkira ta' dawk iż-żminijiet meta f'pajjiżna l-piena kapitali mhux biss kienet legali iżda kien hemm drabi fejn din ingħatat fil-Belt Vittoriosa.

**Il-post oriġinali**

Sa qabel il-gwerra, dan il-kurċifiss ma kienx jinsab fil-pjazza, imma n-niċċa tiegħu li kienet tal-injam, kienet mal-ħajt ta' bejn il-bibien li kienu jġibu n-numri 4 u 5 fi Strada Britannica, illum Triq Hilda Tabone. Id-dar numru 4, magħrufa bħala "Id-Dar tal-Kurċifiss" kienet id-dar residenzjali tal-familja Cilia,[1] filwaqt li l-bieb numru 5 msejjaħ "l-ħanut ta' taħt il-kurċifiss" kien ħanut tal-merċa ta' waħda jisimha Żarena.[2] Skont ma' qalli s-Sur George Cilia li bħala tifel kien jgħix fid-Dar tal-Kurċifiss, din in-niċċa fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira kienet tiżżejjen bil-fjuri u bil-brazzi tad-dawl minn Indri taż-żraben li kellu ħanut fil-qrib. Huwa żied jgħidli li fi tfulitu, f'din l-akkwata, kien hemm konċentrazzjoni ta' ħwienet, fosthom il-ħanut tal-laħam immexxi mill-Familja Spiteri magħrufa bħala ta' ngħas,[3] li kien jinsab eżattament faċċata tad-dar tal-Kurċifiss, il-ħanut ta' Indri taż-żraben, il-ħanut tax-xorb tax-xwejħa u l-ħanut tal-barbier Wenzu Caruana magħruf bħala Ċiċajo.[4]



*Il-Blokka ta' appartamenti f il-Pjazza għadha qed tinbena*

**Il-Vittoriosa Athletics FT**



Tagħrif ieħor ta' nteress, li għandu konnessjoni ma' dawn l-akkwati tal-Kurċifiss tal-forka, huwa dak b'rabta ma' wieħed mill-ewwel timijiet tal-Futbol fil-Birgu. Dan għaliex fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor, il-Klabb tal-Vittoriosa Athletics FT jingħad li kien jinsab f'ħanut tax-xorb li kien hemm fil-viċinanzi tan-niċċa tal-Kurċifiss. Dan il-fatt nafuh grazzi għall-informazzjoni mogħtija lis-sur Charles Camenzuli mill-mibki Joe Griffiths li dik il-ħabta kien jilgħab ma' l-istess team. M'aħniex ċerti jekk Griffiths kienx qed jirreferi għall-ħanut ta' taħt in-niċċa jew dak tax-xorb li kellhom tax-xwejħa. Li hu żgur huwa li dan it-team baqa' magħruf bħala ta' taħt il-Kurċifiss. Hemm ukoll il-probabbiltà, li aktar tard dan il-ħanut serva wkoll bħala l-Klabb tar-Rangers li kien ukoll wieħed mit-teams bikrin tal-futbol fil-Birgu.[5]

**Fil-Gwerra jeħlisha ħafif**

Matul it-tieni Gwerra dinjija, d-dar tal-kurċifiss sfat milquta u partijiet minnha ġġarrfu kompletament. Minkejja dan l-faċċata tad-dar baqgħet wieqfa u b'hekk il-kurċifiss ħelisha ħafif. Wara l-gwerra, l-familja Cilia kellha l-ħsieb terġa' tibni d-dar mill-ġdid, iżda dan ma kienx possibbli, għaliex it-town-planners: A. Hubbard u P.S. Harrison, iddeċidew li l-inħawi tad-dar tal-Kurċifiss ma jerġgħux jinbnew, biex b'hekk il-pjazza tkun tista' titwessa'.[6] Meta d-dar tal-kurċifiss ġiet maħtuta, kien deċiż li l-kurċifiss jinżamm taħt il-kustodja tal-Arċipriet tal-Birgu ta' dik il-ħabta, il-Kanonku Dun Pawl Galea.[7] Jidher li kien fis-snin sittin meta l-kurċifiss tqiegħed fejn hu illum[8] u b'hekk kif jgħid il-Malti l-istorja rrepetietruħha, għaliex probabbilment mijiet tas-snin ilu, l-post oriġinali tal-kurċifiss kien fil-pjazza,[9] iżda meta nbnew id-djar li kienu jmissu mat-Torri tal-arloġġ, inċidentalment dan sab ruħu fit-triq ta' wara.[10]

**Niċċa xierqa**

Meta l-kurċifiss tpoġġa fejn hu llum, in-niċċa tiegħu kienet tikkonsisti f'daħla fil-ħajt, magħluqa permezz ta' bieba tal-injam bil-ħġieġ bħala protezzjoni. Snin wara is-Sur



*F'dan ir-ritratt meħud fl-1960, l-appartamenti jidhru lesti izda il-Kurcifiss kien għadu ma tqegħidx*

Toni Fleri li kien joqgħod fid-dar li magħha kien tqiegħed il-kurċifiss, ħa ħsieb jibdel il-bieba tal-Injam ma oħra tal-Aluminium.[11] Fl-2009, fuq proposta tas-sur Vanni Gatt, is-Soċjetà Storiko Kulturali Vittoriosa, kitbet lill-Kunsill Lokali tal-Birgu u talbitu jintervjeni mal-awtoritajiet kompetenti biex il-kurċifiss tal-forka jiġi rrestawrat u ssirlu niċċa xierqa. Il-Kunsill qabel unanimament u taħt it-tmexxija tas-Sindku is-Sur John Boxall ħadem kemm felaħ biex din l-idea tiġi attwata.[12] Iżda kellhom jgħaddu numru tas-snin sa ma' din il-ħolma saret realtà. Finalment grazzi għall-Kunsill Lokali, is-Soċjetà Storika u Kulturali u l-fondazzjoni tal-Kottonera, wara snin ta' qtigħ il-qalb u stennija, f'April tal-2020 fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid 19, il-kurċifiss saritlu niċċa sabiħa u aktar addattata. Dan il-proġett sar mill-Uffiċċju tal-Proġetti ta' Riabilitazzjoni fi ħdan id-Direttorat tar-Restawr.[13]



*Close up tal-Kurċifiss bil-bieba tal-injam*

Ħajr lill George Cilia, Charles Camenzuli, Joe Spiteri u Mons Paul Raggio tal-informazzjoni li taw lill-awtur.

1 George Cilia, Kitba ta' qabel iż-żwieġ, l-Imnara Vol 8 Numru 3, 2006 Ħarġa numru 30, p.134.
2 Tagħrif mogħti lill-Awtur mis-Sur George Cilia u minn Mons Paul Raggio.
3 Tagħrif mogħti lill-awtur mis-Sur Joe Spiteri.
4 Tagħrif mogħti lill-Awtur mis-Sur George Cilia.
5 Tagħrif mogħti lill-Awtur mis-Sur Charles Camenzuli.
6 George Cilia, Kitba ta' qabel iż-żwieġ, l-Imnara Vol 8 Numru 3, 2006 Ħarġa numru 30, p.136.
7 Tagħrif mogħti lill-Awtur mis-Sur George Cilia.
8 Tagħrif miksub minn għadd ta' ritratti ta' dawk iż-żminijiet
9 Cassar Carmel, Society, Cluture and Identitiy in Early Modern Malta. Mireva Publications. 2000.
10 Jidher li maż-żmien minħabba bini li seta tela', il-Kurċifiss sab ruħu fit-triq ta' wara u mhux aktar fil-Pjazza.
11 Tagħrif mogħti snin ilu lill-Awtur mis-Sur Toni Fleri RIP
12 Minuti tal-Laqgħa numru 24(05), tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, li saret l-Erbgħa 11 ta' Frar, 2009.
13 Post imtella' fis-27 ta' Marzu 2020 fuq il-paġna ta' Face Book Page tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.



*Il-Kurċifiss bil-lapida taħtu*



*Waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq in-niċċa l-ġdida f'April 2020*




*In-Nicca tal-Kurcifiss tal-forka illum. Jidher ix-xogħol tal-lavur skolpit fil-ġebla tal-franka.*

# Kunċert fl-okkażjoni tal-





Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2023,
għas-Soċjetà tagħna. Il-Programm
San Lawrenz tellgħet fil-Mużew
sabiex tikkommemora
s-Soċjetà Mandolinistika Melita,
H.R.H Duke of Edin
daqqet għall-ewwel darba b'mod





# 100 Sena mill-Innu Malti





kien jum tassew memorabbli
Mużikali li l-Banda Vittoriosana
tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta
il-100 sena minn meta
li kienet tifforma parti mill- Banda
burgh's Own Band,
uffiċjali l-Innu Nazzjonali Malti.





# Tagħrif mill-Kċina

*minn MaryRose Gauci*



***MENU MINN MADWAR ID-DINJA – MALTA***

## Spaghetti bil-Basal, Bacon u Ful



***Ingredjenti:***
600gr spaghetti

***Għaz-Zalza***
100gr butir
Basal
Slice bacon imqatta'
Mgħarfa kunserva
4 kuċċarini misħun
200gr ful wara li tkun qaxxartu
Melħ u bżar
Kuċċarina tursin imqatta'

**Metodu:**
Qaxxar u qatta' l-basal biex isir malajr. Poġġi l-basal, żewġ terzi mill-butir u l-bacon imqatta' f'kazzola. Għatti u sajjar bil-mod għal 40 minuta, filwaqt li minn ħin għall-ieħor żid ftit ftit l-ilma. Żid il-kunserva mal-misħun. Żid il-ful u roxx ftit melħ u bżar. Sajjar għal kwarta oħra fuq nar iżjed għoli. Niżżel minn fuq in-nar.
Meta l-ispagetti jkunu saru, saffi u poġġi f'dixx. Żid il-butir u z-zalza u żejjen bit-tursin.

---

## Tagliatelle bil-bajd, mozzarella u inċova



***Ingredjenti:***
Tagliatelle

***Ghaz-zalza***
4 fillets tal-inċova ġoż-żejt
3 isfra tal-bajd
150 gr mozzarella mqatta' f'bicciet żgħar
Melħ u bżar
100gr butir

**Metodu:**
Qatta' l-inċova f'bicciet żgħar u poġġi fi skutella żgħira. Żid l-isfra tal-bajd, il-mozzarella, il-bżar u l-melħ. Ħallat sewwa. Għalli t-tagliatelle u meta jkunu kważi lesti, dewweb il-butir f'kazzola kbira biżżejjed li tesa' wkoll l-għaġin. Il-butir irid jinħall biss. Saffi l-għaġin u itfa' fil-kazzola mal-butir imdewweb. Poggi fuq nar bati u żid it-taħlita tal-bajd, mozzarella u nċova. Ħawwad sew u ħalli sakemm tara li l-mozzarella dabet. Jekk tara li qed jinxef kollox, żid mgħarfa misħun li tkun għallejt l-għaġin fih. Poggi f'dixx imsaħħan u servi.

## PROSIT LIS-SEGRETARJU TAS-SOĊJETÀ, SIMON FARRUGIA



**Il-President u l-membri tal-kumitat tas-Soċjetà jifirħu lis-Segretarju tagħna, is-Sur Simon Farrugia, tal-unur li rebaħ fil-kategorija Print Media fl-Awards tal-Ġurnaliżmu Sportiv. Simon rebaħ dan l-unur permezz tar-rokna sportiva miktuba minnu 50 Shades of Greats.**

# Gustav Mahler

*minn Christopher Pisani - Arkivista*

Wasalna għall-isbaħ żmien tas-sena. Żmien fejn wieħed jista' jirrifletti ftit fuqu nnifsu u jikkalibra ftit ruħu ma' dak li hu sewwa. Żmien fejn ir-riħa tal-borma, il-kwareżimal, il-karamelli tal-ħarrub, u bil-mod il-mod xi figolla jibdew jimlew il-ħwienet. Żmien fejn il-marċi funebri jibdew jindaqqu aktar bil-qalb. Żmien li fl-aħħar mill-aħħar iwassalna għall-ikbar festa tal-Knisja; l-Għid il-Kbir. Ħbieb, inħarsu 'l quddiem lejn dawn il-festi ħalli nerġgħu naraw il-banda tal-Birgu ddoqq u ssebbaħ it-toroq fil-Ġimgħa l-Kbira wara tliet snin, u biex tferraħ u tallegra lill-poplu Vittoriosan fl-Għid il-Kbir, kemm bil-valzi u kemm bid-daqq tal-Innu Marċ ta' Frendo! Iva ħbieb, fl-Għid il-Kbir, inħabbru wkoll li l-festa ta' San Lawrenz qiegħda toqrob! Imma nerġgħu nduru għal fejn ħallejna fl-aħħar ħarġa u nkomplu niskopru ftit il-ħajja ta' Mahler.

L-inkwiet kien jiġri naqra wara Mahler. Mal-wasla tiegħu ġewwa Budapest, Mahler għal darb' oħra sab ma' wiċċu konflitt politiku bejn il-konservattiv u l-progressivi. It-teatru kien ixaqleb lejn il-konservattiv, iżda Mahler xorta waħda kien kawt f'kull deċiżjoni li ħa, inkluż iċ-ċerimonja tal-ewwel programm li tella' f'dan it-teatru. Infatti, dan seħħ kważi sena wara fejn Mahler idderieġa Das Rheingold u Die Walkurie, opri Ġermaniżi li ġew tradotti għal-lingwa Ungeriża. Bla dubju, intlaqgħu b'applawżi kbar. Mahler xtaq ikompli ir-Ring Cycle ta' Wagner, iżda kien hemm moviment ta' nies konservattiv li xtaqu mużika iktar tradizzjonali Ungeriża. B'din il-mossa, Mahler ġie naqra daħru mal-ħajt ta' x'mużika jista' jdoqq. Allura, mar l-Italja biex jara x'jista' jsib mużika li tista' tindaqq ġewwa l-Ungerija. Fl-1890, Mahler kien sab, fost oħrajn, l-opra Cavalleria Rusticana ta' Pietro Mascagni u li f'Diċembru tal-istess sena, ittellgħet għall-ewwel darba ġewwa Budapest.



Ta' min jgħid li kien f'dan iż-żmien li fiħ Mahler tilef lil missieru, lil ommu, u lil oħtu Leopoldine f'temp ta' ftit xhur. B'hekk Mahler, ta' 29 sena spiċċa bil-kustodja ta' ħutu ż-żgħar (Alois, Otto, Justine, u Emma). Biex tgħaxxaq, Mahler ukoll kien qiegħed ibati minn nuqqas ta' saħħa, u kollox ma' kollox, spiċċaw biex ittardjaw l-inawgurazzjoni tal-ewwel sinfonija tiegħu ġewwa Budapest. Din is-sinfonija ma kinitx ta' suċċess u Mahler safa attakkat minn kull lat. Saħansitra, Viktor von Herzfeld (vjolinista u kompożitur) qal li Mahler huwa prova li bħad-diretturi ta' qablu, urew li m'humiex kompożituri.

Il-manuvri f'Budapest komplew. Geza Zichy (konservattiv u l-ewwel pjanista ta' fama li kien idoqq il-pjanu b'id waħda) kien laħaq f'pożizzjoni fuq Mahler, u ried li jdejjaq kemm jista' jkun lil Mahler biex ikun jista' jeħodlu postu. Sadanittant, Mahler induna u kien beda l-kuntatti b'mod sigriet ma' Bernhard Pollini li kien id-direttur ta' Stadttheater Hamburg. Wara li kellu konferma minn Pollini, Mahler kull ma ried jagħmel kien li jisforza lilu nnifsu biex jitkeċċa ħalli jkun jista' jmur Hamburg. Dan għamlu wara li fis-16 ta' Settembru idderieġa l-opra ta' Mozart Don Giovanni. Ma ninsewx li Mahler kellu għal qalbu ferm lil Mozart u lil Wagner.

Ġewwa Hamburg, Pollini ried jagħti ħafna spazju lil Mahler, sakemm Mahler kien ser jirnexxielu jġib 'il quddiem il-kumpanija tiegħu. U hekk ġara. Mahler beda billi daqq Tristan und Isolde ta' Wagner u mill-ewwel ġibed numru ta' ammiraturi lejh u lejn it-teatru. Wara għadda biex daqq Tannhauser u Siegfried u għal darb'oħra t-tnejn ta' Wagner. Suċċess ieħor kien meta ndaqqet għall-ewwel darba l-opra Eugene Onegin ġewwa l-Ġermanja taħt is-superviżjoni u l-ammirazzjoni tal-kompożitur stess, jiġifieri, Tchaikovsky. Tchaikovsky kellu kliem ta' tifħir lejn Mahler. Suċċess wara l-ieħor waslu ukoll biex



anke jkollu kliem ta' tifħir mingħand Hans von Bulow, li dan wara mewtu, għadda l-kariga li kellu lil Mahler. Fl-1892, Mahler iddeċieda biex jieħu l-orkestra u l-kantanti li kellu taħt idejh ġewwa Londra biex hemm jagħmlu sessjoni ta' tmien ġimgħat ta' opra Ġermaniża. Kienu tmien ġimgħat ta' suċċessi, tant li kien anke rnexxielu jgħaġġeb lill-kompożituri Ingliżi, fosthom Ralph Vaughan Williams. Ta' min jgħid li fl-1893, Mahler xtara dar ħdejn il-lag Attersee. Fil-ġnien ta' din id-dar kien hemm kamra żgħira mal-baħar li Mahler kien juża bħala l-kamra tal-kompożizzjoni. Infatti, wara t-tmien ġimgħat li kien għadda ġewwa Londra, Mahler kien iddeċieda li ma' jagħmilx iżjed safriet ta' dan it-tip minħabba l-ħin għall-kompożizzjoni. Kellu problema, kien iħobb jidderieġi daqs kemm kien iħobb jikkomponi. L-impjieg tiegħu bħala direttur orkestrali kien qed jeħodlu wisq ħin, u ħin għall- kompożizzjoni ma kienx fadallu. Allura, iddeċieda li jħalli ż-żmien tas-sajf għall-kompożizzjoni biss. Hawn, f'din il-kamra ċkejkna, Mahler ikkompona t-tieni u t-tielet sinfoniji tiegħu. Personalment, it-tieni u t-tielet sinfoniji ta' Mahler huma wħud mill-iktar xogħol fin u sabiħ li qatt ikkompona, b'mod speċjali l-finali tagħhom. Il-finali tagħhom huma xi ħaġa ta' barra mid-dinja (kif jgħidu)! Il-final tat-tieni sinfonija juri l-qawwa u l-eleganza li orkestra u kor flimkien kapaċi jagħmlu, filwaqt li t-tielet sinfonija hija xogħol fini ta' adagio li jitlissen bi ħlewwa liema bħala b'waqtiet qawwijin. Nissuġġerixxi li tisimgħuhom! Dan apparti il-motiv tas-sinfoniji u l-lirika, iżda dwar dan, nitkellmu darb'oħra. Ta' min jgħid li Mahler kien idderieġa numru ta' opri li ndaqqu għall-ewwel darba ġewwa l-Ġermanja. Dawn huma Falstaff (Verdi), Hansel und Gretel (Humperdinck), u xogħlijiet oħra ta' Smetana.

Minn età żgħira, Mahler dejjem xtaq li jkun direttur ġewwa Vjenna. Issa li kien Hamburg u s-suċċess kien qed jiġri warajh, Mahler sab l-okkażjoni u bl-għajnuna ta' xi ħbieb, ipprova jassigura post ta' direttur ġewwa Vjenna. Pero kellu 'impediment' għax kien Lhudi. B'hekk, 'ikkonverta' għall-kattoliċiżmu fi Frar tal-1897 u b'hekk seta' jilħaq fejn irid. Fil-verità, Mahler kien Anjostiku.

Ġewwa Vjenna, Mahler xammar il-kmiem sew. Għal darb'oħra, kellu naqra inkwiet politiku hekk kif kien leħaq sindku anti-semitiku u hu beża' li seta jkun fil-mira ta' dan is-sindku. B'hekk, tella' żewġ serati ta' mużika li fihom għadda l-opri Lohengrin ta' Wagner u Die Zauberflote ta' Mozart. Ta' min jgħid ukoll li Mahler kien ukoll għadda r-Ring Cycle kollu fuq erbat ijiem wara xulxin bejn l-24 u s-27 t'Awwissu 1897. Hawn Mahler irċieva applawsi kbar

u fama kbira. Però l-ħolma tiegħu damet biss għaxar snin. Mahler kien qed ikun ikkritikat wisq fuq bażi li kien 'semitiku'. Dan wassal biex spiċċa għamel kuntatt mal-orkestra ta' New York biex ikun jista' jmur hemm.

Bidu tajjeb, għeluq ħażin. Hekk kienet l-esperjenza ta' Mahler ġewwa New York. Għalkemm l-attendenza żdiedet meta beda jidderieġi l-orkestra hu, wara ftit, beda jkollu l-inkwiet mal-orkestra, u spiċċa biex anke siefer l-orkestra Franza u ma kellhomx biex imorru lura minħabba attendenza fqira waqt il-programmi. Biex tgħaxxaq, il-kumpanija ġabet lit-Taljan ċelebri Arturo Toscanini biex jidderieġi l-orkestra flimkien ma' Mahler. B'hekk, il-programm naqsu sew.

Rigward kompożizzjoni, Mahler kien l-iktar produttiv tul kemm dam Vjenna. Wara li lesta l-kollezzjoni ta' kanzunetti bl-isem ta' Des Knaben Wunderhorn (the Boy's [or Youth's] Magic Horn), mill-ewwel iffoka biex jikkomponi r-raba' sinfonija. Din tlestiet fis-sena 1900. Ġara iżda li biddel id-dar u minn Steinbach, mar ġewwa Maiernigg, fejn bena l-istess li kellu Steinbach; villa b'kamra żgħira mal-baħar għall-kompożizzjoni. Hemm hu kkompona 10 settijiet ta' kanzunetti fuq poeżiji ta' Friedrich Ruckert. L-ewwel ħamsa kienu kollezzjoni li sar magħrufin bħala Ruckert-Lieder, filwaqt li t-tieni ħamsa kienu ciklu ta' ħames kanzunetti bl-isem ta' Kindertotenlieder (Songs on the death of Children). Bejn l-1901 u l-1905, kiteb triloġija ta' sinfoniji, ċioe, il-ħames, is-sitt u s-seba' sinfonija. It-tmien sinfonija nkitbet sena wara fi żmien tmien ġimgħat. Nota żgħira fuq dawn il-kompożizzjonijiet hija li fil-ħames sinfonija nsibu adagietto. Dan hu l-iktar xogħol famuż ta' Mahler, kif ukoll, għal min jiftakar mill- ħarġa numru 131 Settembru/Ottubru 2022 fejn iltqajna ma' Leonard Bernstein, insibu li fuq il-qabar ta' Bernstein hemm silta minn dan l-adagietto. Adagietto sabiħ immens u b'sinifikat enormi. Naraw iżjed tard dwaru.

Rigward it-tmint sinfonija, din hija l-ikbar xogħol mużikali li qatt kiteb. Hija sinfonija li hija msejjħa bħala Symphony of a Thousand. Biex ikollkom idea, apparti l-orkestra mdaqqasa iktar mis-soltu, din għandha magħha wkoll żewġ korijiet (b'soprani, alti, tenuri u baxxi kull kor), kor tat-tfal, sezzjoni tar-ramm minn qalb l-udjenza, u orgni tal-kanen! Tistgħu timmaġinaw il-final ta' din is-sinfonija. Anke nikteb fuqha tqabbadni l-bard! Il-fama ta' kompożitur kienet qiegħda tiżdied ukoll, tant li x-xogħlijiet tiegħu bdew jindaqqu iktar frekwenti. Iżda kif kien qal hu stess, "il-mużika tiegħi tiġi apprezzata madwar 50 sena wara li niktibha u mhux qabel".

Ħarsa lejn il-ħajja personali ta' Mahler, Mahler kellu inżul u tlugħ frekwenti. F'Novembru tal-1901, Mahler iltaqa' ma' Alma Schindler. Għall-bidu, Alma ma tantx kienet ħerqana li jkollha relazzjoni miegħu. Iżda taf int, l-imħabba kultant issib toroq strambi għal uħud, komuni għal oħrajn. Dawn qabdu argument fuq ballu ta' Alexander von Zemlinsky u wara diskussjoni twila, Alma aċċettat li terġa' tiltaqa' miegħu l-għada. Din il-laqgħa wasslet biex kibret ir-relazzjoni ta' bejniethom u fid-9 ta' Marzu tal-1902, dawn iżżewġu f'okkażjoni privata. Wisq probabbli kienu żżewġu malajr peress li Alma kienet tqila diġà bl-ewwel wild tagħhom Maria Anna (3 ta' Novembru 1902). Anna, it-tieni wild twieldet sena wara fl-1904. Il-Malti jgħid li qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel. U hekk kien. Uħud bdew jgħiru għal Mahler u kif qatt seta' jkun li mara tant sabiħa tiżżewweġ Lhudi deġenerat, filwaqt li nies li jafu lil Mahler, inkluż Natalie Bauer-Lechner (namrata tiegħu qabel ma' ltaqa ma' Alma) qalu li tant kemm kien ta' rasu u jbati bil-burdati, li kien impossibbli li Alma tistaportih. Alma ndunat bit-temperament tiegħu u beda jiddispjaċiha. L-iktar li ddispjaċiha kien li Mahler kien qallha li fil-familja, kompożitur wieħed biss seta' jkun hemm, u li kien hu! U din, lil Alma, peress li hi wkoll kienet kompożitriċi, ma tantx niżlitilha tajjeb. Alma kienet imdejjqa sew għall-fatt li kollox kellu jdur ma' Mahler, u li hi ma setgħetx tagħmel affarijiet li kienu viċin ta' qalbha (il-mużika). Dan ġab stress kbir fuqha, iżda xorta waħda, il-ħbieb tagħhom kienu jarawhom f'mumenti fejn kienu juru lil xulxin imħabba passjonali, speċjalment minn naħa ta' Mahler. Fis-sajf tal-1907, Mahler kien beda jgħejja mill-arroganza li kienu qed juru kontrih ġewwa Vjenna. Għalhekk, ħa lil familtu Maiernigg. Kif waslu hemm, uliedu t-tnejn mardu bl-iskarlatina u difterite. Anna, ż-żgħira, irnexxiela tfieq, iżda Maria mietet ftit wara fit-12 ta' Lulju. Mahler safa devastat immens għat-telfa ta' bintu. L-inkwiet kompla ġej, wara li sar jaf li kellu qalbu difettuża, aħbar konfermata minn speċjalista minn Vjenna. Din il-kundizzjoni impedietu milli jagħmel eżerċizzju eċċessiv.

Lura l-Ewropa wara l-Amerika fl-1909, Mahler mill-ewwel beda jaħdem fuq id-disa' sinfonija. F'dan iż-żmien, l-unika suċċess li kellu kien fl-1910 meta ndaqqet it-tmien sinfonija ġewwa Munich. Din kienet suċċess kbir għalih. Suċċess minn barra, falliment minn ġewwa! Dan għaliex ftit qabel ma' bdiet tindaqq is-sinfonija, Mahler sar jaf li martu Alma kellha relazzjoni amoruża ma' arkitet jismgħu Walter Gropius. Din l-aħbar kisritu sew lil Mahler, tant li talab l-għajnuna u l-parir minn Sigmund Freud. Dawn il-laqgħat ma' Freud jidher li taw ċertu serħan il-qalb lil Mahler. Freud osserva li parti minn dan l-aġir ta' Alma kien tort tiegħu peress li ma ħallihiex tikkomponi iktar. Alma u Mahler tkellmu fuq din il-ħaġa u qablu li jerġgħu jmorru joqogħdu flimkien. Minn naħa ta' Mahler, bħala sinjal ta' mħabba kien iddedikalha it-tmien sinfonija. Minn naħa ta' Alma, din kompliet bir-relazzjoni ma' Walter b'mod diskret u sigriet. Għalkemm dawn l-interruzzjonijiet kollha, Mahler xorta waħda kompla jaħdem fuq sinfonija oħra, is-sinfonija numru għaxra. Kien leħaq lesta l-ewwel moviment u fassal ukoll l-erbgħa movimenti l-oħra. F'Ottubru tal-1910, Mahler u familtu rritornaw lura New York. Mahler ikkommetta ruħu għal diversi programmi. Ġara iżda li fil-Milied tal-istess sena, beda jsofri minn uġigħ f'griżmejh. Fi Frar tal-1911, dgħajjef kif kien, xorta dderieġa programm ġewwa Carnegie Hall, u proprju dan kien l-aħħar programm li dderieġa. Ftit wara, spiċċa f'qiegħ sodda b'endokardite u din diversi ġimgħat ibati minnha. Iżda Mahler xorta waħda ma qatax qalbu, għalkemm qalbu kienet il-kawża ta' kollox. Fit-8 t'April, Mahler u familtu marru lura l-Ewropa fejn mill-ewwel intbagħat għall-kura ġewwa Low Sanitarium. Hemm qabditu ukoll pulmonite u spiċċa biex daħal f'koma. Diversi nies u ammiraturi ġew biex jarawh. Mahler miet nhar it-18 ta' Mejju. Il-funeral li kellu kien diskret ħafna. Huwa ndifen nhar it-22 ta' Mejju ġewwa ċ-ċimiterju ta' Grinzing. Hu kien insista li jindifen maġenb it-tifla tiegħu Maria, kif ukoll li fuq il-lapida kellu jkun hemm biss ismu. Ir-raġuni li ta kienet li min kien ser ifittxu kien jaf min hu, filwaqt li dawk li jsibuh mingħajr ma jkunu jafuh, ma kellhomx għalfejn ikunu jafu min hu. Jingħad li għall-funeral tiegħu kien hemm diversi diretturi ta' teatri kif ukoll artisti bħal Gustav Klimt. Il-gazzetti internazzjonali kollha taw omaġġ xieraq lil Mahler.

Interessanti hu li Alma Mahler mietet fl-1964, fejn kienet hi li kompliet tqajjem interess fil-mużika ta' Mahler u li hi kienet li ltaqgħet ma' Leonard Bernstein. Bintu Anna wkoll baqgħet ħajja u mietet fl-1988 wara li għexet ħajja ta' arti fl-iskultura.

Fil-ħarġa li jmiss ser nitkellmu ftit fuq il-mużika ta' Mahler. L-Għid it-Tajjeb!

# Wiċċ imb wiċċ ma' Fabio D'Ortona

*minn Paul Micallef*

Nahseb kif qrajtu dan l-isem ghidtu, dan Fabio min hu? U nahseb hekk kont naghmel jien ukoll. U malajr ser tkunu tafu u ghaliex sab ruhu f'din ir-rivista.
Mela nahseb li bhali smajtu jew qrajtu fil-media soċjali li f'April li ghadda grupp żghir ta' Vittoriosani kienu marru Ruma ghall-ġurnata Lawrenzjana. Kif ukoll li hemm il-hsieb li din is-sena grupp ikbar, flimkien mal-Banda taghna, ser immorru (ghax anki jien sejjer) ghall-attività ta' dis-sena.
U propju l-mohh ta' din l-inizjattiva, il-fundatur u anki l-promotur taghha, m'hu hadd hlief dan Fabio. U billi nzerta li Fabio, flimkien ma' martu, ġie hawn Malta ghall-attivitajiet tal-100 sena mill-akkwist ta' Palazzo Huesca, kif naghmel is-soltu ma nitlifx okkażjoni sabiex, anki wkoll ghall-benefiċċju taghkom, xtaqt inkun naf ahjar min hu dan Fabio.



**Ħbiberija ma' Charles Callus**
Permezz tal-hbiberija li kibret bejn dan Fabio u Charles Callus, jien ghamilt kuntatt ma' Fabio, li kien ghadu kemm ġie mill-ajruport. Wara li llustrajt it-Taljan li jien tghallimt l-iskola u li sahhaht bit-televiżjoni Taljana, ftehemt mieghu ġo hanut fil-pjazza tal-Birgu u ppruvajt niehu kemm jista' jkun informazzjoni. Naturalment din ser tkun intervista differenti u partikulari ghax saret b'lingwa barranija. Fil-fatt kienet it-tieni wahda li ghamilt hekk. L-ewwel kelli lil Lawrence Renes bl-Ingliż u issa lil Fabio li ghamilthielu bit-Taljan. Ghar-raġunijiet ovvji, hsibt li ma nidholx fid-dettall tal-hajja tal-persuna, l-iktar ghax hu mhux mill-Birgu u lanqas hu Malti. Ghażilt li naghfas l-iktar fuq tliet punti, il-holqien ta' din l-inizzjattiva Lawrenzjana, il-kult Lawrenzjan fid-dinja u l-konnessjoni ma' Malta, u l-iktar mal-Birgu

**Min hu Fabio?**
Mela dan Fabio twieled Ruma fil-5 ta' Mejju, ironikament fl-istess data tat-twelid ta' Charles Callus, imma sena qabel, fl-1964. Il-ġenituri tieghu huma Federico u Maria, filwaqt li l-parrini tieghu kienu Katerina u Eugenio. Il-familja tieghu, li ġejja minn naha tal-Abruzzo, rabbewh jipprattika attivament ir-reliġjon, tant li anki kien abbati.
Huwa minn Ruma u jżomm mat-tim tal-Lazio u meta kien żghir, bhal shabu, kien jilghab il-futbol fil-pożizzjoni ta' difensur ċentrali.
Bhala xoghol hu jahdem bhala tekniku fid-dentistrija u sa mis-sena 2017 hu dahal jahdem fi sptar privat, ġewwa Ruma. Hu żżewweġ lil Sabrina (li anki akkumpanjatu Malta) fis-sena 1989 u ghandu tifla bl-isem ta' Alessia li llum ghandha 29 sena.

**L-Avventura Lawrenzjana**
Mis-sena 2006, Fabio beda' jiffrekwenta il-Bażilika ta' San Lorenzo Fuori le Mura u f'Jannar kien iltaqa' ma' ċertu patri Karm u kien hu li heġġu li jibda din il-hidma biex ikattar id-devozzjoni u l-kult lejn San Lawrenz, mhux biss f'Ruma fejn ha l-martirju, iżda mad-dinja kollha.



Fuq mistoqsija tieghi Fabio beda jispjegali xi jsir fil-Bażilika fl-10 ta' Awwissu u qalli li dakinhar ikun hemm madwar hames quddisiet matul il-ġurnata kollha. Wara jkun hemm ikla f'nofsinhar ghall-volontarji u dawk kollha li jaghtu s-sehem taghhom fil-knisja. Hu żied li jiġu mistiedna l-oghla awtoritajiet fosthom is-Sindku u, billi kull żona jkollha l-muniċipju taghha, kulhadd ikollu ir-rappreżentant tieghu. Wara jkun hemm purċissjoni fit-toroq tal-akwati, fejn tiehu sehem ukoll il-banda, biċ-ċentru jkun l-istatwa antika taċ-ċeramika ta' San Lawrenz li tinżamm fil-Bażilika. Ghal din il-festa jiġu hafna pellegrini minn kull parti ta' Ruma u l-madwar. Fabio żied u qalli li riċentement saret statwa kopja tal-istatwa li hemm fuq il-kolonna obelisk li hemm fil-pjazza. Din saret tat-terracotta.
Meta staqsejt lil Fabio dwar il-kult u qalli li bhala postijiet storiċi li ghandhom x'jaqsmu mal-hajja tal-qaddis taghna hemm mhux inqas minn seba' bażiliċi f'Ruma biss. Dawn kollha ghandhom xi relikwija ta' San Lawrenz. Hawn semmieli l-gradijla li ahna l-Maltin se jkollna x-xorti li tkun fostna waqt il-festa ta' din is-sena u l-ktajjen li t-tnejn jinsabu ġewwa *San Lorenzo in Lucina*; il-post fejn il-patrun taghna ġie mahruq, *San Lorenzo in Panisperna*; il-katakombi ta' San Calisto fejn ġie arrestat; *San Lorenzo in Miranda*, fejn kien ikkundannat; u *San Lorenzo in Fonte* fejn kien miżmum, fost postijiet ohra.
Meta staqsejt lil Fabio dwar kemm ghadu b'sahhtu l-kult u d-devozzjoni Lawrenzjana f'Ruma, hu weġibni li din iktar ghadha preżenti fil-periferija milli fil-qalba ta' Ruma. Dan ghax fil-qalba iżjed joqoghdu nies li jkunu hemm minhabba diversi raġunijiet fosthom ghar-raġunijiet kummerċjali jew minhabba x-xoghol. Dawn in-nies la huma Rumani, la Lazjani u lanqas huma Taljani u wisq inqas insara u kattoliċi. Fabio rrimarkali kemm il-pandemija tal-Covid affetwat din il-ġurnata minhabba li ma setghux isiru attivitajiet tal-massa bhal pellegrinaġġi.

**L-Ideja tal-Ġurnata Lawrenzjana**
Hawn Fabio spjegali kif nibtet din l-idea tal-ġurnata internazzjonali Lawrenzjana. Hu qalli li darba, fis-sena 2015, habatlu ma' mohhu li jaghmel kumitat li jkollu l-ghan li jaghmel kuntatt ma' hafna komunitajiet, l-ewwel fl-Italja

stess u mbagħad barra, biex jagħmlu manifest b'isimhom fuq il-qabar tal-qaddis tagħna. Biex jiffaċilita dan il-proċess hu għamel paġna ta' Facebook u hekk naturalment kibru l-kuntatti.

Hawn twieldet l-idea li tinħoloq il-ġurnata mondjali ddedikata lil San Lawrenz. Naturalment, idealment, il-ġurnata mondjali Lawrenzjana hija l-10 ta' Awwissu, l-għid ta' San Lawrenz. Iżda, billi dakinhar kulħadd jiċċelebra Jum San Lawrenz fil-pajjiż tiegħu, impossibbli li xi delegazzjoni tiġi Ruma u għalhekk, għar-raġunijiet loġistiċi, ġiet magħżula d-data tal-25 ta' April, li fl-Italja hija btala pubblika. Tajjeb infakkar li din is-sena, fi ftit ġimgħat oħra, bejn it-23 u s-26 ta' April, delegazzjoni Vittoriosana, b'numru sabiħ ta' dilettanti taħt l-emblema tal-palma, flimkien mal-Banda tagħna, se jkollna x-xorti li nesperjenzaw (għax jien se nkun hemm ukoll) personalment din il-ġurnata.

**Il-programm tal-Jum Lawrenzjan**

Hawn Fabio spjegali xi jsir fil-ġurnata Lawrenzjana fejn l-ewwel ikun hemm il-ġranet tat-tridu. Il-programm tal-ġurnata jkun li fid-9.00am kulħadd jiltaqa' barra il-Bażilika. Fl-10.00am jidħlu dawk li qed jieħdu sehem bl-istandardi tagħhom. Imbagħad isiru kelmtejn dwar il-komunitajiet preżenti u wara jingħata rigal żgħir. Wara, fil-11.30am tibda l-quddiesa solenni. Imbagħad, fis-1.30pm ikun hemm il-pranzu fil-kjostru tal-Bażilika li jieħdu sehem il-parteċipanti fejn hemm il-postijiet ta' San Lawrenz. Dawn jiġu minn pajjiżi bħal Peru, l-Arġentina, l-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Kosta tal-Avorju u naturalment mill-Italja, Malta u minn Huesca fi Spanja.

Fabio kompla jgħidli li hu jmur u jieħu l-morda Lourdes u mar madwar 17-il darba u billi bejn Lourdes u Huesca hemm biss tliet siegħat karozza, hu ġieli mar hemm ukoll. Dwar il-parteċipazzjoni hu qalli li fis-sena 2018 ġew mat-300 ruħ, filwaqt li fis-sena 2019 ġew 400.

Hawn Fabio tani x'informazzjoni fuq l-għaqda li waqqaf, l-*Associazione Internazionale Città di San Lorenzo*, li bħala President għandha lil Alfonso Guarino minn San Lorenzello a Benevento. Fl-għaqda hemm rappreżentant Malti wkoll u dan hu Charles Callus. Dan kien ġie kkuntattjat fis-sena 2019 u Fabio ra fih l-entużjażmu kbir li għandu għal din l-inizzjattiva.

Festi

**Fest ta' San Lawrenz madwar id-dinja**

Hawn jien staqsejtu x'informazzjoni dwar il-festi ta' San Lawrenz madwar id-dinja. Hu semmili ċ-Ċilì u l-Messiku, fejn hemm devozzjoni kbira. Fiċ-Ċilì d-devozzjoni tinqasam



bejn San Lawrenz u l-Madonna tal-Karmnu, fejn jiċċelebraw il-festa biż-żfin. Fil-Messiku jiċċelebraw il-festa wkoll biż-żfin fejn ċertu grupp folkloristiku, bl-isem ta' *La Manita* jkantaw u jiżfnu wara l-bini tal-knisja. Hawn hu semmieli li r-rappreżentant tal-Amerika ċentrali fl-għaqda hija Victoria Luz Camargo Sanchez, filwaqt li ta' Huesca hu Javier Arnaldas. Meta staqsejtu dwar il-festa Maltija, hu weġibni li hemm ħafna elementi ta' folklor fiha u hi festa partikolari ħafna li ma ssibx bħala mkien.

Dwar il-pjani tiegħu tal-futur biex jikber dan il-proġett, hu qalli li għandu ħsieb li jagħmel konferenza għall-assoċjazzjonijiet kollha f'Settembru, filwaqt li bdew jaħdmu għall-ġublew ta' San Lawrenz fis-sena 2025.

**Għeluq**

B'dan it-tagħrif li jiena qsamt magħkom nittama li hekk sirtu tafu aħjar il-ħidma li għamel u qiegħed jagħmel Fabio sabiex ikabbar, ikattar u jifrex madwar l-erbat irjieħ tad-dinja il-kult u d-devozzjoni lejn San Lawrenz. Kif qrajtu jidher li din l-inizzjattiva qabdet sew tant li minbarra proġetti oħra dal-Jum Lawrenzjan tal-25 ta' April qed jikber sew fil-popolarità u attendenza. J'alla Fabio u sħabu (fosthom Charles tagħna) jkomplu bil-ħidma u minkejja li forsi fiż-żminijiet moderni tal-lum affarijiet bħal dawn jistgħu ma jkunux daqshekk popolari però minn naħa l-oħra l-mezzi moderni bħall-internet qed jgħin biex dawn l-attivitajiet iseħħu.

Minn naħa tagħna bħala devoti ta' Lorenzu għandna nissapportjaw, ninkurraġixxu u fejn ikun possibbli nieħdu sehem attiv f'din l-opra tant sabiħa li hija magħġuna mal-kult storiku u reliġjuż tal-belt tagħna. Hekk aħna nseddqu u nagħmlu fil prattika dak li xi partitarji jqabblu quddiem il-vara titulari f'nhar l-10 ta' Awwissu ma jkunx jalludi biss għall-Birgu iżda għad-dinja kollha.

X'festa għandna ġewwa l-Birgu (Ruma)
Minn kullimkien jiġu n-nies
Biex jaraw lil din il-festa
tal-kampjun tal-qaddisin……..
(ċapċip , ċapċip, ċapċip……)





Prosit Fabio, prosit Charles u dawk kollha involuti f'din l-inizzjattiva. Viva San Lawrenz, Viva San Lorenzo di tutto 'l mondo.

**hsbc.com.mt**

2380 2380

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

**MIFSUD GARAGE LTD.**

**IRONMONGERY**

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*






BOV PERSONAL LOANS

**THE CHOICE IS ALWAYS YOURS**

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).




SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883